# L-Arċipriet Saviour Montebello

minn Dr. Mark Said

Saviour Montebello (1762–1809) kien Duttur Malti fit-Teoloġija, Professur tal-Filosofija fl-Università ta' Malta, u Arċipriet ta' Bormla. Wara li Napuljun ħakem lill-Gżejjer Maltin fl-1798, Montebello kellu sehem attiv fir-reżistenza Maltija kontra l-Franċiżi biswit raħal twelidu ż-Żejtun. Wara li l-Ingliżi keċċew lill-Franċiżi minn Malta, kien l-ewwel persuna maħtur biex imexxi l-istudju tal-Filosofija fl-Università ta' Malta. Okkupa dik il-kariga għal kważi erba' snin, fejn prinċipalment għallem il-loġika u l-metafiżika. Kellu jirrinunzja għal dik il-kariga meta ġie maħtur Arċipriet ta' Bormla, l-aħħar persuna li kellu dik il-kariga għaliex wara dik il-parroċċa ġiet elevata għall-Kolleġġjata mmexxija mill-Arċiprieti. Dam arċipriet għal ħames snin biss minħabba li miet f'età bikrija ta' 46 sena.

**Il-Ħajja.**

***It-twelid u l-formazzjoni***

Saviour Montebello, bin Ġużeppi u Katerina nee Caruana, twieled iż-Żejtun fid-9 ta'Ġunju, 1762. Il-ġenituri tiegħu żżewwġu fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun fis-26 ta' Settembru, 1752, u Saver kien ir-raba' wild tagħhom minn sitta. Tgħammed fl-istess jum ta' meta twieled fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun mill-Viċi Arċipriet Dun Ġużepp Saliba, u msemmi Saver, Ċikku Xavier u Twanny. Il-parrini tiegħu kienu Joseph Buttigieg, bin Luqa u Rożi nee Bugeja, it-tnejn miż-Żejtun.

Fl-1781, fl-età ta' dsatax-il sena, Montebello daħal fis-Seminarju Arċiveskovili fil-Furjana sabiex jistudja għal qassis. Kif kienet id-drawwa dak iż- żmien, familtu ddonatu b'patrimonju li seta' jħallas l-ispejjeż li għamel. Dan kien magħmul minn erba' propjetajiet: biċtejn raba' fl-inħawi Tas-Silġ limiti taż-

Żejtun, u żewġ binjiet fil-qalba taż-Żejtun. Dak il-patrimonju ġie għal ftit żmien fdat f'idejn Michael Pulis, żewġ oħt il-kbira ta' Montebello, Maria.

Montebello ġie ordnat qassis fl-1787, sitt snin wara li kien beda, mill-Isqof allura Carmelo Scicluna, li kien Isqof bejn l-1875 u l-1888. Imbagħad, Montebello xaktarx ingħatalu xogħol pastorali fi ħdan il-Parroċċa Żejtunija. B'danakollu, huwa kompla jistudja għad-Dottorat fit-Teoloġija. Dan l-istudju għamlu Malta, fil-Collegium Melitense fil-Belt. Sal-1797, għaxar snin wara l-ordinazzjoni tiegħu, kien diġà kiseb id-Dottorat tiegħu fit-Teoloġija.

***Ir-rabtiet familjari.***

Montebello kellu rabtiet mill-qrib ma' familtu. Kuġinuh, Giuseppe Montebello (1713–1833), minn Ħal-Tarxien, kien iben iz-ziju ta' Montebello, Pietru, negozjant stabbilit. Kien il-"Capo di Casal Tarxien", elett min-nies t'hemm sabiex jirrappreżentahom f'kwistjonijiet amministrattivi. Matul il-ħakma Franċiża f'Malta (1798), intgħażel biex jagħmel parti mill-kumitat li jamministra it-tnax-il muniċipalità maħluqa minn Napuljun, li kienu jinkludu Ħal Tarxien, iż-Żejtun, Ħaż-Żabbar u Ħal Għaxaq. Tlett xhur biss wara, b'danakollu, Montebello kien imdeffes sew fir-reżistenza organizzata tal-Maltin kontra l-Franċiżi bejn il-1798 u l-1800. Bħala Kap tal-gvern lokali temporanju f'Ħal-Tarxien, ġie maħtur "capo battaglione" b'responsabiltajiet operazzjonali f'dawk l-inħawi. Flimkien m'oħrajn, ikkontribwixxa finanzjarjament għall-isforzi tal-gwerra li damet sentejn, u ankè ddona, lejliet il-Milied tal-1798, sehem imdaqqas ta' ġidu bil-għan li jinkisbu il-qamħ u provvisti oħra minn Sqallija biex jittaffa n-nuqqas t'ikel li kien hemm minħabba r-rewwixta. Meta l-Ingliżi temporanjament ħadu f'idejhom il-kontroll tal-Gżejjer Maltin minflok il-Kummissjoni Franċiża Repubblikana, Giuseppe intgħażel min-nies ta' Ħal-Tarxien fit-18 ta' Frar, 1799, biex ikun Kap tal-lokalità tagħhom, u b'hekk parti mill-Kungress Nazzjonali maħluq mir-rappreżentant tal-gvern proviżorju Ingliż, Alexander Ball. Aktar tard, Giuseppe

inħatar ‘’Logotenente di Governo” ta’ Ħal Tarxien. Wara, meta l-Ingliżi uffiċjalment saru ħakkiema ta’ ġensna, u qasmu l-gżejjer tagħna f’sitt distretti, Giuseppe inħatar Viċi Luogo Tenent tad-distrett magħmul minn Ħal Tarxien, Raħal Ġdid, iż-Żejtun, Ħaż-Żabbar, il-Gudja u Ħal Luqa. Dan kien fit-28 ta’ Ġunju, 1815. Id-dar tiegħu f’Ħal-Tarxien, mibnija minn flejjes governattivi bħala kumpens għal sehmu fir-rewwixta, għadha hemm sal-lum u bosta turisti iżuruha.

Qarib ieħor importanti, Giuseppe Pulis Montebello (1783–1855), kien in-neputi ta’ Montebello. Kien miż-Żejtun u kien joqgħod il-Belt flimkien ma’ martu Taljana Carlotta Bertelli. Għal bosta snin, Giuseppe għex Livorno, l-Italja, fejn iżżewweġ. Kellhom tal-anqas ħamest itfal. Huwa u martu qagħdu Malta għal għaxar snin biss, u marru lura Livorno ftit xhur qabel il-mewt ta’ Giuseppe fl-1855. Kien negozjant ferm sinjur u benestant. Huwa wkoll kien ġie elett fl-Assemblea Nazzjonali (1849–54). Kien ferm popolari mal-votanti, u kiseb l-akbar għadd ta’ voti popolari. Aħna nafu bi tlett xogħlijiet letterarji tiegħu. Fl-1824 ippubblika “Chtieb il Kari Yau Dahla’al ilsien Malti” (Ktieb dwar il-qari bil-Malti inkella Daħla għall-Ilsien Malti); fl-1826 “Trattat Fuq l’Obblighi Tal-Bniedem” (Trattat dwar id-Dmirijiet tal-Bniedem); u fl-1847 “Rendiconto pratico del Campo Esperimentale dell’Est” (Il-Prattiċi ta’ tal-Kamp Sperimentali fil-Lvant). L-ewwel tnejn huma meqjusa bħala li kienu l-ewwel kotba miktuba kollha kemm huma bl-ilsien Malti.

***Ir-reżistenza.***

Flimkien ma’ bosta oħrajn, inkluż zijuh Giuseppe, bejn l-1798 u l-1800 Montebello kien parti mir-rewwixta Maltija kontra l-Franċiżi. Kien stazzjonat fiż-Żejtun u ta sehmu fi ħdan tim ta’ ġellieda tar-reżistenza. Xogħolhom kien li jinterċettaw kull manuvra mit-truppi inkella lejn it-truppi Franċiżi assedjati ġewwa l-Belt, mit-triq li kienet tagħti għall-Kottonera min-naħa tal-lvant, kif ukoll li jorganizzaw u jqassmu l-provvisti f’dawk l-inħawi. Minkejja xi ftit ġlied

– li saħansitra ħalla xi ftit imwiet fuq iż-żewġ naħat —l-involviment ta' Montebello ma jidhirx li kien militari, kif x'uħud donnhom iridu jgħidu, iżda pjuttost ta' natura loġistika. Fil-fatt, flimkien ma' tnejn oħra (Luigi Agius, Duttur tad-dritt Kanoniku u Ċivili, u Vincenzo Borg, aktar tard membru fl-Ordni ta' San Mikiel u San Ġorġ) Montebello serva bħala "consultore legale" (avukat) taħt il-kmand ta' Giuseppe Abela. Il-Kwartieri Ġenerali kienu jinsabu f'San Ġużepp fil-Ħamrun, taħt il-kmand ġenerali ta' Saverio Caruana (1759–1847). Caruana kien Monsinjur li studja l-filosofija taħt Mikiel Xerri. Kien professur tal-filosofija u tal-matematika fis-seminarju Arċiveskovili fl-Imdina u aktar tard maħtur Isqof ta' Malta (1831–47).

### *Il-Professur tal-Filosofija*

Wara li l-Franċiżi ċedew fil-5 ta' Settembru, 1800, Montebello inħatar professur fil-fakultà tal-filosofija fl-Università ta' Malta. Il-fakultà kienet ġiet sospiża minn Napuljun fit-18 ta' Ġunju, 1798, iżda reġgħet twaqqfet mill-Ingliżi, preċiżament minn Alexander Ball. Fil-5 ta' Novembru, 1800, Montebello intgħażel biex ikun professur tal-loġika u metafiżika b'onorarju ta' mitejn skud kull sena. Intgħażel għal din il-kariga mir-rettur li kien għadu kemm inħatar, Saverio Caruana, il-qassis kmandant militari ta' Montebello  ftit żmien qabel! Dan kollu sar bl-approvazzjoni tal-gvern proviżorju Malti li fih kien hemm ukoll il-kuġin ta' Montebello, Giuseppe.

Dakinhar tal-ħatra tiegħu fil-5 ta' Novembru, flimkien mal-professuri l-oħra li kienu għadhom kemm inħatru, Montebello żar lir-rettur fid-dar tiegħu l-Belt biex jirringrazzjawh għall-ħatriet. Caruana jlaqqagħhom bl-aħjar mod possibbli u, kif kienet l-użanza fiż-żmien tal-Kavallieri, ilkoll kemm huma baqgħu sejrin lejn il-palazz tal-isqof, Vincenzo Labini, ġewwa l-Belt li mbagħad tahom il-ġurament tal-ħatra. L-għada, professuri, studenti u membri tal-ogħla klassijiet inġabru fis-sala ewlenija tal-Università ta' Malta l-Belt, fejn l-Agostinjan Vincenzo Thei

(professur tat-teoloġija morali), għamel diskors solenni ad unur tas-suċċess tal-istudji l-ġodda. Il-gvernatur Ingliż, Alexander Ball, ukoll kien preżenti għall-okkażjoni. Il-lezzjonijiet bdew ġimgħa wara, fit-13 ta' Novembru, wara li tkanta solennement l-innu "Veni Creator Spiritus" fil-kappella tal-Università l-Belt. Imbagħad kull professur mar fil-klassi tiegħu u għamlu lezzjoni pubblika.

Ix-xogħol akkademiku ta' Montebello fl-Università kien ta' sagħtejn fil-ġimgħa. Żvilupp ħelu kien meta fit-13 ta' Marzu, 1802, il-Gvernatur Ball reġa' daħħal id-drawwa li jingħataw it-titoli akkademiċi biex b'hekk ingħata aktar piż lil din l-istituzzjoni akkademika. Fix-xahar ta' wara, saret l-ewwel ċerimonja tal-għoti tat-titoli lill-gradwati taħt il-ħakma Ingliża. Minħabba dan, x'aktarx, ftit xhur wara, fil-5 ta' Mejju, 1802, ingħatat żieda fil-pagi tal-professuri universitarji, inkluż Montebello, minn mitejn għal tlett mitt skud fis-sena mill-Kummissarju Ċivili Ingliż, Charles Cameron. Wara dan l-episodju ma jidhirx li kien hemm xi ħaġa oħra t'importanza fl-Università sas-sena 1813, ferm wara l-epoka ta' Montebello hemm.

***L-Arċipriet.***

Fl-1804, Montebello kellu jħalli l-fakultà tal-filosofija malli ġie maħtur mill-Isqof Vincenzo Labini Arċipriet ta' "Civitatis Cospiquæ" (Bormla). Fit-3 t'Ottubru ta' dik is-sena, laħaq warajh fl-Università l-Professur tal-letteratura umanistika u segretarju tal-Università, Peter Mallia, Duttur tad-dritt kanoniku u ċivili.

Montebello inħatar Vigarju (jew "Parochus prælectus") ta' Bormla fit-23 ta' Ġunju, 1804, u minnufih mar joqgħod hemm flimkien m'oħtu Vincenza. Ħa pussess uffiċjali tal-Parroċċa (bħala "Parochus et Rector") fis-26 ta' Lulju. Kien is-sittax-il Arċipriet ta' Bormla minn meta din saret parroċċa fil-15 ta' Settembru, 1586. Iżda kif seħħew l-affarijiet, huwa wkoll kien l-aħħar arċipriet tagħha għaliex fil-1822, waqt li s-suċċessur ta' Montebello kien għadu arċipriet hemm, il-Parroċċa saret Kolleġġjata b'Digriet tal-Papa Piju VII.

Minbarra d-dmirijiet soliti pastorali bħala arċipriet, f'Bormla huwa waqqaf, f'Mejju tal-1805, il-Konfraternità ta' Sant' Agata u, ftit xhur wara, fil-15 ta' Settembru, 1805, il-Konfraternità ta' San Mikiel.

***Il-Mewt***

Montebello serva t'arċipriet għal ħames snin. Sfortunatament, miet ħabta u sabta u qabel il-waqt f'daru f'Bormla fit-18 t'April, 1809, seba' ġimgħat qabel ma kien jagħlaq seba' u erbgħin sena. Għalkemm l-aħħar magħmudija li għamel kienet biss jumejn qabel mewtu, fis-16 t'April kien wisq marid u bla saħħa biex iqaddes f'quddiesa ta' tieġ iċċelebrat anqas minn ġimgħa qabel, fil-11 t'April. Ħaġa stramba hija li l-funeral tiegħu ma ġiex ċelebrat f'Bormla, kif kienet id-drawwa, imma fil-knisja parrokkjali ta' raħal twelidu, iż-Żejtun, bis-sehem tal-kleru li kienu jaqdu f'Bormla. Aktar stramba kienet li, għal xi raġuni jew oħra, ma ndifenx fiż-Żejtun, iżda inġarr għal darb'oħra lejn il-Belt fejn indifen fil-kripta tal-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, fil-parti mħollija għall-qassisin. Bħala turija ta' ringrazzjament u ħajr lejn il-kleru ta' Bormla, ftit jiem wara l-funeral, fit-23 t'April, oħtu, Vincenza Montebello, iddonat ħamsin skud lill-Kolleġġjata Bormliża ("collagate per i poveri di Cospicua" – għall-foqra Bormliżi). Saru bosta quddies mill-kleru Bormliż għal ruħu fl-anniversarju ta' mewtu fil-ħames snin ta' wara, sal-1814. Aktar quddies ġew ċelebrati għal ruħu mill-kleru taż-Żejtun sa tal-anqas ħamsin sena wara, sal-1855, u fis-snin ta' wara, b'talba speċifika ta' Giuseppe Pulis Montebello.

***Ix-xogħlijiet.***

Nifhem li s'issa ma jidhirx li qatt ġew ippubblikati xi xogħlijiet letterarji ta' Montebello, filosofiċi jew xort' oħra. X'aktarx iktar le milli iva. Għajb. Tassew nittama li xi darba xi ħadd jogħġbu jieħu l-iżbriga li ifittex dawn ix-xogħlijiet u jippubblikahom f'ġabra riċerkata sabiex jagħmel ġieħ mistħoqq lil dan il-personalità distinta.

In-noti tal-lezzjonijiet tiegħu dwar il-loġika u l-metafiżika, suġġetti li għal erba' snin huwa għallem fl-Università ta' Malta, ma jidhirx li għadhom jeżistu, lanqas indirettament, jiġifieri miżmuma mill-istudenti tiegħu. Jekk jeżistu, ħadd għadu ma jaf fejn huma. B'danakollu, jien ngħid li jkun relevanti li jingħad li mijiet ta' manuskritti merfugħa fl-arkivju tal-Kolleġġjata ta' Bormla – post wieħed fejn probabbilment il-kitbiet ta' Montebello jafu jinsabu – għadhom mhux kkatagolati. Din il-possibilità hija vjaġġ u avventura li qed jistennew lil dak li jkun interessat li jsib ħin u jitħajjar jagħmilha. Lanqas, per eżempju, ma nafu jekk Montebello qatt għamilx testment.

L-istorja tal-ħajja ta' Saver Montebello hija bħal dik tal-warda żgħira sabiħa mitlufa u moħbija qalb ward sbieħ akbar, jew bħal dik tal-kwiekeb li nintebħu bihom biss sbieħ filgħodu, inkella bħal dik tal-weraq niexfa li waqgħu u jittajjru mar-riħ.

Żgur li ħejjet Montebello, flimkien mal-kisbiet u ħiliet tiegħu, għandhom fejn jimlew vojt ieħor fl-istorja kulturali ta' pajjiżna, u partikularment ta' raħal twelidu ż-Żejtun! Tgħid xi ħadd għad tassew jidħol għal din il-biċċa xogħol?!